

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1063/2012

tat-13 ta' Novembru 2012

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE fir-rigward ta' ċerti kampjuni u oġġetti li huma eżentati mill-verifiki veterinarji fil-fruntiera skont dik id-Direttiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002<sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 21(6)(d) u l-Artikolu 40(b), (d) u (f) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistabilixxi regoli tas-saħħa pubblika u tal-annimali għall-prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom, sabiex jiġu evitati u minimizzati r-riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali li għejjin minn dawn il-prodotti. Is-suf u x-xaġġar li jiġi minn annimali li ma jesebixxu l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bniedem jew mill-annimali permezz ta' dak il-prodott għandhom jiġu ddikjarati bħala materjal tal-Kategorija 3, kif imsemmi fl-Artikolu 10(h) u (n) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE fir-rigward ta' ċerti kampjuni u oġġetti eżenti mill-kontrolli veterinarji fil-fruntiera skont dik id-Direttiva<sup>(2)</sup>, fost l-oħrajn jistabilixxi regoli ta' implimentazzjoni għat-tqegħid fis-suf u x-xaġġar.
- (3) Is-suf u x-xaġġar nexfin u mhux trattati li jkun magħluqin b'mod sikur f'pakketti ma jippreżentawx riskju ta' tixrid ta' mard, sakemm dawn il-pakketti jintbagħtu direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati biex jintużaw barra mill-katina tal-għalf jew lejn impjant li jwettaq operazzjonijiet intermedji b'kundizzjonijiet li jipprevjenu t-tixrid tal-aġenti patoġeniċi. L-Istati Membri għandu għalhekk ikollhom il-possibiltà li jeżentaw lill-operaturi li jittrasportaw tali suf u xaġġar mhux trattati direttament lejn l-impjant imsemmi hawn fuq, mill-obbligu li jagħmlu notifika kif jistipula l-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. L-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Il-Punt B tal-Kapitolu VII tal-Anness XIII mar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabilixxi l-punt aħħari tas-suf u tax-xaġġar.

(5) L-Artikolu 8.5.35 tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE)<sup>(3)</sup> jistipula lista ta' proċeduri għall-inattivazzjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fis-suf u x-xaġġar tal-annimali li jixtarru għall-użu industrijali.

(6) Għaldaqstant, it-trattamenti attwali għat-tqegħid fis-suf fl-UE, kif ukoll għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ta' suf u xaġġar stipulati fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, għandhom jiġu supplimentati bi proċeduri rikonoxxuti internazzjonalment għall-inattivazzjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fis-suf u x-xaġġar tal-annimali li jixtarru għall-użu industrijali.

(7) Madankollu, l-Istati Membri għandhom l-opportunità li jaċċettaw kwalunkwe metodu ieħor li jiżgura li wara t-trattament tas-suf u tax-xaġġar ma jibqa' l-ebda riskju inaċċettabbli, inkluż metodu ta' ħasil fil-fabbrika li huwa differenti mill-istandards tal-OIE.

(8) Suf u xaġġar mhux trattati tal-annimali li jixtarru u li jkun maħsuba għall-industrija tat-tessuti ma jippreżentawx riskju inaċċettabbli tas-saħħa tal-annimali, sakemm dawn ikunu prodotti minn annimali li jixtarru li jinżammu f'pajjiżi jew reġjuni elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jstabilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja<sup>(4)</sup> u awtorizzati għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' laħam frisk minn annimali li jixtarru, li ma jkunux suġġetti għall-garanziji supplimentari A u F imsemmija fih.

(9) Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni minnu, minn fejn joriġinaw is-suf u x-xaġġar għandhom ikunu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u, fil-każ ta' suf u xaġġar min-nagħaġ u l-mogħoż, mill-ġidri tan-nagħaġ u mill-ġidri tal-mogħoż f'konformità mal-kriterji ġenerali bażiċi elenkati fl-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabilixxi r-regoli

<sup>(1)</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

<sup>(3)</sup> [http://www.oie.int/index.php?id=169&L=0&htmfile=chapitre\\_1.8.5.htm](http://www.oie.int/index.php?id=169&L=0&htmfile=chapitre_1.8.5.htm)

<sup>(4)</sup> ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.

tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-tranżitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE <sup>(1)</sup>.

- (10) Sabiex il-produtturi jkollhom firxa wiesgħa biżżejjed ta' metodi u proċeduri biex inaqqsu r-riskji ppreżentati mill-kummerċ u l-importazzjoni tas-suf u x-xagħar, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti kumplementari għat-tqegħid fis-suq ta' suf u xagħar importat minn pajjiżi terzi mingħajr restrizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 142/2011. L-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi emendat skont dan.
- (11) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-regoli dwar l-importazzjoni ta' suf u xagħar mhux trattati, stipulati fir-ringiela 8 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV mar-Regolament (UE) Nru 142/2011, għandhom jiġu emendati kif xieraq.
- (12) L-annimali porċini huma suxxettibbli għat-trażmissjoni tal-mard, barra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, partikolarment id-deni Afrikan tal-ħnieżer, li jirrikjedu trattament speċjali tas-suf u x-xagħar prodott mill-annimali tal-ispeċi tal-porċini. It-tqegħid fis-suq u, konsegwentement, l-importazzjoni mill-pajjiżi terzi ta' suf u xagħar tal-annimali porċini, għandhom għalhekk jiġu suġġetti għall-istess kondizzjonijiet li japplikaw għal-lanżit tal-ħnieżer. Il-Punt A(2) tal-Kapitolu VII tal-Anness XIII mar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (13) It-trattamenti addizzjonali għas-suf u x-xagħar prodotti minn annimali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini, li jintbagħtu direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati mis-suf u x-xagħar għall-industrija tat-tessuti, għandhom ikunu disponibbli wkoll għall-operaturi fl-Istati Membri. Il-Punt B tal-Kapitolu VII tal-Anness XIII mar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu għalhekk jiġi ssupplimentat kif xieraq.
- (14) L-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' suf u xagħar mhux trattati minn pajjiżi terzi partikolari jew reġjuni minnhom, għandhom jiġu awtorizzati sakemm dawk jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji u jkun akkumpanjati minn dikjarazzjoni tal-importatur skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV ma' dan ir-Regolament. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'wieħed mill-postijiet ta' spezzjoni mal-fruntiera approvati mill-Unjoni u li huma elenkati fl-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 li tfassal lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet mwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi TRACES <sup>(2)</sup>, fejn għandhom isirulhom, bħala deroga mill-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi <sup>(3)</sup>, il-verifiki tad-dokumenti stipulati fl-Artikolu 4(3) ta' dik id-Direttiva.

- (15) Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi emendat skont dan.
- (16) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 20(4) jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"4. L-awtorità kompetenti tista' teżenta lill-operaturi li ġejjin mill-obbligu li jagħmlu notifika, imsemmi fl-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009:

- (a) l-operaturi li jiġu f'kuntatt ma' jew jiġġeneraw trofej tal-logħob jew preparazzjonijiet oħra msemmija fil-Kapitolu VI tal-Anness XII ma' dan għal skopijiet privati jew mhux kummerċjali;
- (b) l-operaturi li jittrattaw jew jirranġaw il-kampjuni tar-riċerka jew dijanjostiċi għal skopijiet edukattivi;
- (c) l-operaturi li jittrasportaw suf u xagħar nexfin mhux trattati, sakemm dawn ikunu magħluqin b'mod sikur f'pakketti, u jintbagħtu direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati biex jintużaw barra mill-katina tal-għalf jew lejn impjant li jwettaq operazzjonijiet intermedji, b'kundizzjonijiet li jipprevjenu t-tixrid tal-aġenti patoġeniċi."

- (2) L-Artikolu 25(2) jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"2. L-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' dan li ġej, ma għandhomx jiġu suġġetti għal kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali:

- (a) is-suf u x-xagħar li jkun inħasel f'fabbrica jew li jkun għe trattat b'metodu ieħor li jiżgura li jinqered kull riskju inaċċettabbli;
- (b) ferijiet li jkun tnixxfu f'temperatura ambjentali ta' 18 C għal perjodu ta' tal-inqas jumejn f'umdità ta' 55 %;
- (c) suf u xagħar prodotti mill-annimali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini, li jkun għew trattati permezz ta' ħasil f'fabbrica li jikkonsisti mill-immersjoni tas-suf u x-xagħar f'serje ta' banjijiet bl-ilma, is-sapun u l-idrossidu tas-sodju jew l-idrossidu tal-potassju;
- (d) suf u xagħar prodotti minn annimali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini, li jintbagħtu direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati mis-suf u x-xagħar għall-industrija tat-tessuti u li jkun għew trattati b'tal-inqas wieħed mill-metodi li ġejjin:

<sup>(1)</sup> ĠU L 226, 25.6.2004, p. 128.

<sup>(2)</sup> ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

- depilazzjoni kimika permezz ta' ġir mitfi jew sulfid tas-sodju,
  - fumigazzjoni fil-formaldeid f'kumpartiment issiġillat ermetikament għal tal-inqas 24 siegħa,
  - għorik industrijali li jikkonsisti mill-immersjoni tas-suf u x-xagħar f'diterġent li jinħall fl-ilma f'temperatura li tinżamm bejn is-60 C u s-70 C,
  - ħażna, li tista' tinkludi l-ħin tal-vjaġġ, f'temperatura ta' 37 C għal tmint ijiem, f'temperatura ta' 18 C għal 28 jum u f'temperatura ta' 4 C għal 120 jum;
- (e) suf u xagħar nexfin u magħluqa b'mod sikur f'pakketti, prodotti minn annimali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini, u li jkunu maħsuba biex jintbagħtu lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati mis-suf u x-xagħar għall-industrija tat-tessuti u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin kollha:
- (i) kienu prodott tal-inqas 21 jum qabel id-data tad-dħul fl-Unjoni miżmuma f'pajjiż terz jew reġjun minnu, li jkun
    - elenkat fil-Parti 1 tal-Anness II mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u awtorizzat għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali li jixtarru mhux suġġetti għall-garanziji supplementari A u F imsemmija fih,
    - ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u, fil-każ tas-suf u x-xagħar min-nagħaġ u l-mogħoż,
- mill-ġidri tan-nagħaġ u mill-ġidri tal-mogħoż konformi mal-kriterji ġenerali bażiċi elenkati fl-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE;
- (ii) akkumpanjati minn dikjarazzjoni tal-importatur kif mitlub fil-Kapitolu 21 tal-Anness XV;
  - (iii) ġew ippreżentati mill-operatur f'wieħed mill-postijiet ta' spezzjoni mal-fruntiera approvati mill-Unjoni u li huma elenkati fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2009/821/KE fejn ikunu għaddew b'mod sodisfaċenti mill-verifika tad-dokumenti li tkun saritilhom skont l-Artikolu 4(3) mad-Direttiva 97/78/KE."
- (3) Il-punti 31 u 32 tal-Anness I għandhom jiġu sostitwiti mit-test tal-Anness I ma' dan ir-Regolament.
  - (4) Il-punti A(2) u B tal-Kapitolu VII tal-Anness XIII għandhom jiġu emendati skont it-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
  - (5) Ir-Ringiela 8 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV għandha tiġi sostitwita mit-test fl-Anness III ma' dan ir-Regolament.
  - (6) It-test tal-Anness IV ma' dan ir-Regolament għandu jidded mal-Anness XV.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNEX I

Il-punti 31 u 32 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 142/2011 għandhom jiġu sostitwiti minn dan li ġej:

“31. **“suf mhux trattat”** tfisser suf, minbarra suf li jkun:

- (a) inġasel ffabrika;
- (b) inkiseb mill-ikkunzar;
- (c) ġie ttrattat b'metodu ieħor li jiżgura li ma jkunx baqa' riskji mhux aċċettabbli;
- (d) ġie prodott minn annimali ġhajr dawk mill-ispeċi tal-porċini, u li jkun inġasel ffabrika permezz ta' immersjoni tas-suf f'serje ta' banjijiet bl-ilma, bis-sapun u bl-idrossidu tas-sodju jew l-idrossidu tal-potassju; jew
- (e) ġie prodott minn annimali ġhajr dawk mill-ispeċi tal-porċini, ikun maħsub biex jintbagħat direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati mis-suf għall-industrija tat-tessuti u li jkun sarlu tal-inqas wieħed minn dawn it-trattamenti li ġejjin:
  - (i) depilazzjoni kimika permezz ta' ġir mitfi jew sulfid tas-sodju;
  - (ii) fumigazzjoni fil-formaldeid f'kumpartiment issiġillat ermetikament għal tal-inqas 24 siegħa;
  - (iii) għorik industrijali li jikkonsisti mill-immersjoni tas-suf f'deterġent li jinħall fl-ilma f'temperatura li tinżamm bejn is-60 °C u s-70 °C;
  - (iv) ħażna, li tista' tinkludi l-ħin tal-vjaġġ, f'temperatura ta' 37 °C għal tmint ijiem, f'temperatura ta' 18 °C għal 28 jum jew f'temperatura ta' 4 °C għal 120 jum;

32. **“xagħar mhux trattat”** tfisser xagħar, minbarra xagħar li jkun:

- (a) inġasel ffabrika;
- (b) inkiseb mill-ikkunzar;
- (c) ġie ttrattat b'metodu ieħor li jiżgura li ma jkunx baqa' riskji mhux aċċettabbli;
- (d) ġie prodott minn annimali ġhajr dawk mill-ispeċijiet tal-porċini, u li jkun inġasel ffabrika permezz ta' immersjoni tax-xagħar f'serje ta' banjijiet bl-ilma, bis-sapun u bil-idrossidu tas-sodju jew l-idrossidu tal-potassju; jew
- (e) ġie prodott minn annimali ġhajr dawk mill-ispeċijiet tal-porċini, ikun maħsub biex jintbagħat direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati mix-xagħar għall-industrija tat-tessuti u li jkun sarlu tal-inqas wieħed minn dawn it-trattamenti:
  - (i) depilazzjoni kimika permezz ta' ġir mitfi jew sulfid tas-sodju;
  - (ii) fumigazzjoni fil-formaldeid f'kumpartiment issiġillat ermetikament għal tal-inqas 24 siegħa;
  - (iii) għorik industrijali li jikkonsisti mill-immersjoni tax-xagħar f'deterġent li jinħall fl-ilma f'temperatura li tinżamm bejn is-60 °C u s-70 °C,
  - (iv) ħażna, li tista' tinkludi l-ħin tal-vjaġġ, f'temperatura ta' 37 °C għal tmint ijiem, f'temperatura ta' 18 °C għal 28 jum jew f'temperatura ta' 4 °C għal 120 jum;”

## ANNEX II

Il-Kapitolu VII tal-Anness XIII mar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-frażi introduttorja tal-punt A(2) hija sostitwita minn dan li ġej:

"2. Ċaqliq ta' lanżit tal-ħnieżer u suf u xagħar minn animali tal-ispeċi tal-porċini minn reġjuni fejn id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa endemiku, għandu jiġi projbit barra mil-lanżit tal-ħnieżer u s-suf u x-xagħar tal-animalli tal-ispeċi tal-porċini li għandhom:".

(2) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-punt B:

"Is-suf u x-xagħar prodotti minn animali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini jistgħu jitqiegħdu fis-suq mingħajr restrizzjonijiet skont dan ir-Regolament, sakemm:

- (a) dawn ikunu nħaslu ffabrika permezz ta' immersjoni tas-suf u tax-xagħar f'serje ta' banjijiet bl-ilma, bis-sapun u bl-idrossidu tas-sodju jew l-idrossidu tal-potassju; jew
- (b) ikunu ntbagħtu direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati mis-suf jew mix-xagħar għall-industrija tat-tessuti u t-tali suf jew xagħar ikun sarilhom tal-inqas wieħed minn dawn it-trattamenti:
  - (i) depilazzjoni kimika permezz ta' gir mitfi jew sulfid tas-sodju;
  - (ii) fumigazzjoni fil-formaldeid f'kumpartiment issiġillat ermetikament għal tal-inqas 24 siegħa;
  - (iii) għorik industrijali li jikkonsisti mill-immersjoni tas-suf u x-xagħar f'deterġent li jinħall fl-ilma f'temperatura li tinżamm bejn is-60 C u s-70 C;
  - (iv) ħażna, li tista' tinkludi l-ħin tal-vjaġġ, f'temperatura ta' 37 C għal tmint ijiem, f'temperatura ta' 18 C għal 28 jum u f'temperatura ta' 4 C għal 120 jum."

## ANNEX III

Ir-Ringiela 8 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV mar-Regolament (UE) Nru 142/2011 tiġi sostitwita minn dan li ġej:

|    |  |   |  |   |  |
|----|--|---|--|---|--|
| "8 | Suf u xagħar mhux trattati prodotti minn annimali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini | Il-materjali tal-Kategorija 3 msemmija fl-Artikolu 10(h) u (n). | <p>(1) Is-suf u x-xagħar nexfin u mhux trattati għandhom</p> <p>(a) ikunu magħluqin b'mod sikur f'pak-ketti; u</p> <p>(b) jintbagħtu direttament lejn impjant li jipproduċi prodotti derivati għal użu barra mill-katina tal-għalf, jew lejn impjant li jagħmel operazzjonijiet intermedji, b'kondizzjonijiet li ma jħallux it-tixrid tal-aġenti patoġeniċi.</p> <p>(2) Is-suf u x-xagħar huma suf u xagħar kif stipulat fl-Artikolu 25(2)(e).</p> | <p>(1) Kull pajjiż terz.</p> <p>(2) Pajjiż terz jew reġjun minnu</p> <p>(a) elenkat fil-Parti 1 tal-Anness II mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u awtorizzat għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali li jixtarru mhux suġġetti għall-garanziji supplimentari A u F imsemmija fih; u</p> <p>(b) ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u, fil-każ tas-suf u x-xagħar min-nagħaġ u l-mogħoż, mill-ġidri tan-nagħaġ u mill-ġidri tal-mogħoż f'konformità mal-kriterji ġenerali bażiċi elenkati fl-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE.</p> | <p>(1) Għal importazzjonijiet ta' suf u xagħar mhux trattati, mhux meħtieġ ċertifikat tas-saħħa.</p> <p>(2) Dikjarazzjoni mill-importatur skont il-Kapitolu 21 tal-Anness XV hija meħtieġa."</p> |
|----|--|---|--|---|--|

## ANNEX IV

Il-Kapitolu 21 li ġej jżied mal-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 142/2011:

## "KAPITOLU 21

**Dikjarazzjoni Mudell**

*Dikjarazzjoni mill-importatur ta' suf u xaġħar mhux trattati, kif imsemmi fl-Artikolu 25(2)(e) għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea*

**PAJJIŻ:**

|   |  |            |  |                          |   |  |                                |        |
|---|--|------------|--|--------------------------|---|--|--------------------------------|--------|
| <b>Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta</b>  | I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br><br>Indirizz<br>Nru tat-Tel.   |            | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat  |                          | I.2.a.  |  |                                |        |
|   |  |            | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali  |                          |   |  |                                |        |
|   |  |            | I.4. Awtorità kompetenti lokali  |                          |   |  |                                |        |
|   | I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż<br>Nru tat-Tel.  |            | I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Nru tat-Tel. |                          |   |  |                                |        |
|   | I.7. Pajjiż tal-orijini  | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-orijini  | Kodiċi                   | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni   | Kodiċi ISO   | I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi |
|   | I.11. Post tal-orijini<br><br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż   |            | Numru tal-approvazzjoni  |                          | I.12. Post tad-destinazzjoni<br><br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi postali / Reġjun |  | Numru tal-approvazzjoni        |        |
|   | I.13. Post tat-tagħbija<br>Indirizz  |            | I.14. Data tat-tluq  |                          |   |  |                                |        |
|   | I.15. Mezz ta' trasport<br><br>Ajrupla <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/><br>Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Ieħor <input type="checkbox"/><br>Identifikazzjoni<br>Dokument: |            | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>Isem Nru tal-unità   |                          |   |  |                                |        |
|   |  |            | I.17. Nru(Nri) tas-CITES   |                          |   |  |                                |        |
|   | I.18. Deskrizzjoni tal-prodott   |            |  |                          | I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi SA)  |  | I.20. Kwantità                 |        |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali <input type="checkbox"/>                    |  |            |  | I.22. Għadd ta' pakketti |   |  |                                |        |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur   |  |            |  | I.24. Tip ta' imballaġġ  |   |  |                                |        |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br><br>Ipproċessar ulterjuri <input type="checkbox"/> |  |            |  |                          |   |  |                                |        |
| I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz<br>Pajjiż terz                             |  |            | Kodiċi ISO   |                          |   | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/> |                                |        |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br><br>Natura tal-prodott                           |  |            |  |                          |   | Piż nett   |                                |        |

**Suf u xagħar imsemmija fl-Artikolu 25(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011**

**PAJJIŻ:**

|                           |  |       |
|---------------------------|--|-------|
| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---------------------------|--|-------|

**DIKJARAZZJONI**

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jien, il-persuna li ffirmat hawn taħt, niddikjara li s-suf <sup>(1)</sup> u/jew ix-xagħar <sup>(1)</sup> mhux trattati ġew prodotti minn annimali għajr dawk mill-ispeċi tal-porċini:

- (a) tal-inqas 21 jum qabel id-data tad-dħul fl-Unjoni;
- (b) f'pajjiż terz jew reġjun minnu kif elenkat fil-Parti 1 tal-Anness II mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u awtorizzat għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali li jixtarru mhux suġġetti għall-garanziji supplimentari A u F imsemmija fih; u
- (c) minn annimali miżmuma fil-pajjiż terz jew reġjun minnu msemmi fil-punt (b), ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u, fil-każ tas-suf u x-xagħar min-nagħaġ u l-mogħoż, mill-ġidri tan-nagħaġ u mill-ġidri tal-mogħoż f'konformità mal-kriterji ġenerali bażiċi elenkati fl-Anness II mad-Direttiva 2004/68/KE.

**Noti:**

*Din id-dikjarazzjoni sservi biss għal skopijiet veterinarji u għandha takkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fl-istazzjon tal-ispezzjoni mal-fruntiera u għandha tinħareġ f'tal-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru li minnu l-kunsinna tidhul għall-ewwel fl-Unjoni u f'tal-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru destinatarju.*

**Parti I:**

- Kaxxi ta' referenza I.11 u I.12: Numru tal-approvazzjoni: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment jew tal-impjant li jkun inħareġ mill-awtorità kompetenti.
- Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali tal-intestaturi li ġejjin: 5101 jew 5102
- Kaxxa ta' referenza I.20: Kwantità: indika l-piż totali gross u nett f'kgs
- Kaxxa ta' referenza I.28: *Natura tal-prodott:* Indika s-suf u x-xagħar

**Parti II:**

(<sup>1</sup>) ~~Has~~sar kif xieraq.

(<sup>2</sup>) Il-firma għandha tkun ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

L-importatur

Isem (b'ittri kapitali):

Indirizz:

Data:

Firma:"

Post: